**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 31 ta' Jannar 2023**

**<u>Rikors nru : 138/2022 AGV fl-ismijiet;</u>**

**JF**

**VS**

**P C**

**IL-QORTI ;**

**RAT IR-RIKORS TA' JF , DATAT 12 TA' JANNAR 2023;**

Jesponi bir-rispett:-

1. Illi dan huwa rikors ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta[1] permezz ta' liema r-rikorrenti qiegħed jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna l-waqfien tal-Komunjoni tal-Akkwisti li teżisti bejn il-partijiet;
2. Illi l-partijiet iżżewwġu nhar it-28 ta' April 2016 fil-Belt Valletta u minn dan iż-żwieġ twieldu tlitt (3) itfal u ċioe' CF li twieldet fil-15 ta' Diċembru 2003 li llum hija maġġoreni, kif ukoll JF li twieldet fit-28 ta' April 2010 u T F li twieldet fis-16 ta' Frar 2012 u li għalhekk għadhom minuri;

3. Illi mill-imsemmija data taż-żwieġ tagħhom bdiet tapplika l-komunjoni tal-akkwsiti bejniethom u dan *ai termini* tal-Artikolu 1316 tal-Kodiċi Ċivili;

4. Illi ġara' li l-ħajja matrimonjali bejn il-partijiet ma baqgħetx aktar possibbli u għalhekk huma proċedew sabiex jibdew proċeduri ta' separazzjoni personali bejniethom u għaldaqstant, wara li l-proċess ta' medjazzjoni ma kellux eżitu pożittiv, huma pproċedew bil-kawża odjerna fl-ismijiet hawn fuq premessi, liema proċeduri għadhom *sub-judice*;

5. Illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament minn xulxin għal aktar minn sena u mingħajr preġudizzju, bl-aktar mod ġenerali, għal kwalunkwe talba diġa' mressqa u/jew ta' kwalunkwe dritt vantat, mill-esponent, u/jew ta' kwalunwke talba u/jew dritt li għad jistgħu jiġu magħmulha/vantati fil-futur, u anke mingħajr preġudizzju, dejjem bl-aktar mod ampju, għal kwalunkwe dikjarazzjoni diġa' magħmulha u/jew eċċezzjoni diġa' mogħtija mill-istess esponent fi kwalunkwe att tal-proċeduri ta' separazzjoni minn ma' martu, għal dak li jirrigwarda proprjeta' immobbli bejn l-esponenti, minn dak li diġa' hemm u jirriżulta' mill-atti proċesswali sa' issa, l-unika proprjeta' mmobbli li

hemm involuta fil-kwestjoni bejn il-partijiet, hija dik li sa' meta l-partijiet kienu għadhom fi stat ta' konvivenza bħala miżżewwġin, kienet id-dar matrimonjali;

6. Illi kif ben risaput, din it-talba m'għandhiex tkun ta'ostaklu għat-talbiet hawn premessi, għaliex kif qalet din l-Onorabbli Qorti fi proċeduri simili li ġew deċiżi:

*"Illi it-talba ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti giet introdotta fil-ligi taghna sabiex tiffacilita l-process ta' separazzjoni bejn koppja mizzewga, billi tkun tista' tinghata bhala sentenza in parte waqt is-smigh tal-kawza. L-effett ta' din is-sentenza huwa semplicement li l-komunjoni tal-akkwisti tieqaf mid-data tal-istess sentenza, u ghalhekk, minn dik id-data 'l quddiem, kull parti tkun tista' takkwista proprjeta' f'isimha, minghajr ma jkollha sehem il-parti l-ohra. Madankollu, dak li kien jifforma parti mill-komunjoni sad-data tas-sentenza jibqa' hekk impregudikat sa ma tigi likwidata l-komunjoni fis-sentenza finali.*

*L-unika riserva li tippermetti l-ligi hija jekk tali waqfien tal-komunjoni huwiex ser jikkawza pregudizzju lil parti jew ohra, liema pregudizzju jkun tali li ma jhallix rimedju adegwat lil dik l-istess parti. Fil-kaz odjern, il-konvenut ghall-ewwel oppona ghal din it-talba, izda waqt is-sottomissjonijiet tal-partijiet, iddikjara li m'ghandux oggezzjoni ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti mitlub mill-attrici. Il-partijiet fehmu dak li l-Qorti gia' spjegat, li l-waqfien tal-komunjoni jiddetermina stat ta' fatt mid-data tas-sentenza 'l quddiem. F'dan l-ezercizzju, il-Qorti ma tidholx fi tqassim ta' djun jew ta' assi favur parti jew ohra. F'dan l-istadju, il-Qorti tista' biss tiddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti m'ghadhiex fis-sehh mid-data tas-sentenza. Dak li sehh qabel irid jittiehed in konsiderazzjoni fis-sentenza finali meta l-komunjoni tigi likwidata.*

*Ghalhekk, illum il-Qorti tista' biss tiddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet issa waqfet, u tirriserva li tillikwida l-assi u d-djun tal-komunjoni fis-sentenza finali, meta l-partijiet ikunu ddikjaraw li ghalqu l-provi kollha taghhom u l-kawza tithalla ghas-sentenza."* - **Seduta tat-3 ta' Ottubru 2019 - Rikors fl-ismijiet AB vs CB (Rik Nru: 144/2019)**;

7. Fis-sentenza **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell** (Ċitazz. Nru. 139/12 RGM) deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru 2015, li kienet ikkonfermat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), intqal fost l-oħrajn illi "*...il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twafqet il-komunjoni, ghax il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghal futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qeghedin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici"*;

8. Illi tali terminazzjoni tal-istess komunjoni tal-akkwisti għandha ġġib benefiċċju in kwantu mhux biss tevita li ebda parti ma tagħmel dejn li tiġi attriwbita lill-komunjoni, iżda ukoll tkun tista' tirriakkwsita id-dritt li tagħmel l-atti kollha tal-ħajja ċivili u kummerċjali u dan mingħajr il-ħtieġa tal-kunsens u jew approvazzjoni jew intervent tal-parti l-oħra;

9. Illi l-esponent jitlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel il-ġudizzju finali a tenur tal-Artikolu 55(1) tal-Kodici Ċivili, b' dan illi m' hu jinħoloq l-ebda preġudizzju mhux proporzjonat għall-intimata.

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li teżisti bejn il-partijiet b'mod immedjat u fil-pendenza tal-proċeduri ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet, u dan *ai termini* ta' l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, prevja ovvjament riserva tad-drittijiet tal-partijiet rigwardanti l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti sal-mument tat-terminazzjoni tagħha;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti għal dan il-għan, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-pronunzja tal-waqfien tal-komunjoni tal-akkwsiti bejn il-partijiet, b' dana li tali ordni mogħti minn din l-Onorabbli Qorti skond han fuq għandu jkollu l-istess effett daqsli kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti sar b' att pubbliku ai termini tal-liġi.

Salv kull provvediment ieħor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-Risposta ta' PC għar-rikors *pendente lite* ta' JF intavolat nhar it-12 ta' Jannar 2023.**

Tesponi bir-rispett:

1. Illi l-esponenti ġiet notifikata bir-rikors *pendente lite* tar-rikorrent u kif mitlub minnha permezz tad-digriet tat-13 ta' Jannar, 2023 qiegħda bir-rispett tintavola l-umli risposta tagħha;

2. Illi r-rikorrent qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tordna l-waqfien tal-Komunjoni tal-Akkwisti;

3. Illi l-proprjetà immobbli li jirreferi għaliha r-rikorrent hija parafernali u ċioè tappartjeni biss għal mara, stante li għaddiet għand il-mara parzjalment b'wirt u parzjalment b'donazzjoni lill-mara mingħand il-ġenituri tagħha.

4. Illi fi kwalunke każ ir-rikorrent żgombra mid-dar matrimonjali nhar l-10 ta' April, 2021 meta kien rikjest bl-intervent tal-pulizija sabiex joħroġ u ma jirritornax fl-istess dar. *Vide:* **Dok A u B** annessi: Rapport tal-Pulizija ta' meta r-rikorrent telaq għal kollox mid-dar u l-Assessment Report tal-Appoġġ meħud fl-istess jum.

5. Illi mingħajr preġudizzju għall-assi rispettivi tal-partijiet li jappartjeni lill-Kommunjoni sad-data tad-Digriet wara dan ir-rikors, u kif ukoll mingħajr preġudizzju għal dak ritenut fir-risposta u fil-kontro-talba tal-intimata u għal dak hawn fuq spjegat, l-esponenti ma għandhiex oġġezzjoni li l-Komunjoni tal-Akkwisti tiġi tterminata.

6. Tant għandha x'tissottometti l-esponenti għas-savju konjizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti.

**Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.**

Rat illi l-intimata m'hix qed toggezzjona ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-partijiet.

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza in parte.

**DECIDE:**

Tilqa’ t-talbiet.

Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li teżisti bejn il-partijiet b’mod immedjat u fil-pendenza tal-proċeduri ta’ separazzjoni personali bejn il-partijiet, u dan *ai termini* ta’ l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta, prevja ovvjament riserva tad-drittijiet tal-partijiet rigwardanti l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti sal-mument tat-terminazzjoni tagħha;

Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti għal dan il-għan, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-pronunzja tal-waqfien tal-komunjoni tal-akkwsiti bejn il-partijiet, b’ dana li tali ordni mogħti minn din l-Onorabbli Qorti skond han fuq għandu jkollu l-istess effett daqsli kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti sar b’ att pubbliku ai termini tal-liġi.

L-ispejjez jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

**Imhallef**
**Onor A  G Vella**

**Cettina Gauci- Dep Reg**